

## Għaliex tagħti t-tilqim?

Il-vaċċini jgħinu lit-tfal tiegħek jiġġieldu kontra mard serju bħall-ħosba u s-sogħla konvulżiva (pertussis). Huma salvaw il-ħajja ta' miljuni ta' tfal madwar id-dinja, għalhekk għaliex tieħu riskju fuq is-saħħa ta' wliedek?



**Għalhekk tistenniex aktar — ikkuntattja lill-fornitur tal-kura tas-saħħa tiegħek biex tiddiskuti t-tilqim ta' wliedek!**




Skennja l-kodiċi QR biex issir taf aktar fil-**Portal Ewropew ta' Informazzjoni dwar it-Tilqim**

vaccination-info.europa.eu/en

# Agħti lil uliedek bidu b'saħħtu fil-ħajja




PORTAL EWROPEW
TA' INFORMAZZJONI
DWAR IT-TILQIM
Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea



## Il-vaċċini huma sikuri?

Qabel ma jaslu għandek, il-vaċċini jgħaddu minn snin ta' ttestjar biex ikun żgurat li jkunu sikuri. U anki wara dan, huma jiġu ssorveljati b'mod kostanti għal kwalunkwe effett sekondarju potenzjali.



## Kif jaħdmu l-vaċċini?

Il-vaċċini jgħallmu lis-sistema immunitarja tat-tifel/tifla tiegħek biex din toħloq antikorpi speċifiċi li jiġġieldu kontra marda. Huwa ħafna aktar sikur għas-sistema immunitarja tiegħek li titgħallem tagħmel dan permezz tat-tilqim, milli tibla' l-mard innifsu li jista' jwassal għal kumplikazzjonijiet serji.



Il-fornitur tal-kura tas-saħħa tiegħek jista' jagħtik skeda dettaljata ta' tilqim biex jiżgura li t-tifel/tifla tiegħek ikun/tkun protett(a).





## Jista' jkun hemm effetti sekondarji?



It-tfal jistgħu jesperjenzaw effetti sekondarji ħfief, bħal deni baxx jew uġigħ jew ħmura fis-sit tal-injezzjoni, iżda dawn normalment ma jdumux.